MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 1655/2002

***Carmel sive Charles jew Charlie Bianco f'ismu u ghad-ditta C.Bianco Auto Dealer***

***vs***

***Amor Ben Mohammed Hajamor u Matilde Ben Hajamor***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' elf mija u erbgha u hamsin lira Maltin u sittin centezmu (Lm1154.60) rappresentanti l-import ta' ghoxrin kambjala ta' Lm57.73 'il wahda, mahruga f'isem il-konvenut u debitament accettati minnhom li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Marzu 2000 u Novembru 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju u bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita’ tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuta Matilde Ben Hajamor, ipprezentata fid-9 ta’ Settembru 2002, fejn hija ecceppiet illi t-talbiet attrici fil-konfront taghha ghandhom jigu respinti u dana peress illi l-konvenuti sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dr. Joseph Debono fl-20 ta’ Marzu 2001 (Dokument A anness mar-risposta), fejn il-konvenut Amor Ben Mohammed Hajamor, assuma d-debitu pendenti fuq il-vettura Escort Mark III numru ta’ registrazzjoni EAM-075, li fuqu nharrgu l-kambjali mertu tal-kawza odjerna.

Ra li l-konvenut debitament notifikat bil-procedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f’gazzetta lokali u ghalkemm rappresentat mid-difensur tieghu, baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ John Sultana ghan-nom ta’ l-attur proprio et. nomine u tal-konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ l-kuntratt ta’ separazzjoni ffirmat bejn il-konvenuti, Dokument A, anness mar-risposta, kif ukoll kopja tal-kambjali mertu tal-kawza, Dokument H1 sa H20.

Ikkunsidra:

Illi John Sultana, impjegat ma’ l-attur proprio. et. nomine, jikkonferma illi l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut mill-konvenuti u inoltre jiddikjara, kif *del resto* jirrizulta mid-dokumenti H1 sa H20, illi l-kambjali mertu tal-kawza gew iffirmati kollha kemm huma miz-zewg konvenuti u cioe’ minn Matilde Ben Hajamor kif ukoll minn zewgha Amor Ben Mohammed Hajamor.

Illi l-konvenuta minn naha taghha tikkontendi illi hija u zewgha l-konvenut illum huma separati legalment u dana permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni esibit bhala

Dokument A flimkien mar-risposta taghha. Illi fil-klawsola numru 3 ta' dan il-kuntratt, li tinsab a fol.9 ta' l-atti processwali, l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAM075 tal-marka Escort giet assenjata lill-konvenut zewgha flimkien mad-dejn li kien ghad hemm pendenti fuqha. Illi hija llum ma ghadhiex tghix ma' zewgha.

Hija tikkonferma madanakollu illi hija ffirmat il-kambjali mertu tal-kawza u anke gharfet il-firma taghha fuq l-istess. Hija tikkontendi illi ghall-ewwel ma rieditx lil zewgha jixtri din il-karozza, izda sussegwentement kien qabad jahdem u kien ighaddilha l-flus sabiex tmur taghmel il-pagamenti. Meta hija kienet tibghat il-pagamenti ma' zewgha, madanakollu, saret taf minn ghand l-attur illi hu ma kienx qieghed imur ihallashom u ghalhekk il-kambjali ma kienitx qed tircevihom lura. Hija tikkontendi illi kienet infurmat lill-attur sussegwentement illi kienet isseparat minn zewgha u illi hu kien ser jassumi dan id-dejn. L-attur ghalhekk kien talabha tiffirma xi karti sabiex il-kambjali jduru fuq isem zewgha, izda hija dana ma ghamlitux ghaliex peress illi ma kienitx taf taqra, u bezghet tiffirma l-istess. Hija tghid illi meta gew biex jiffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni hija kienet insistiet ma' zewgha illi jassumi d-dejn ta' din il-vettura stante illi l-istess kienet ser tigi assenjata lilu u hu kien accetta. Illum il-konvenut ighix ma' mara ohra fl-indirizz Flat 23, Block 4, Door C, Triq in-Naspli, San Gwann.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' kambjali ffirmati kemm mill-konvenut Amor Ben Mohammed Hajamor kif ukoll mill-konvenuta Matilde Ben Hajamor u dana skond kif jirrizulta mill-kambjali stess esibiti u mmarkati bhala Dokument H1 sa H20.

Illi n-natura guridika tal-kambjala hija tali illi ma' l-iffirmar ta' l-istess hija tassumi karattru indipendenti u awtonomu minn negozju guridiku illi jkun ta' lok ghat-twelid tal-kambjala. Il-kambjala huwa kuntratt fih innifsu separat u distintt mill-*causa-obligationis* li jinsab abbazi taghha. Malli l-partijiet jiffirmaw dik il-kambjala, huma jkunu qeghdin

jassumu d-dejn indikat fl-istess. F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu 1989 fl-ismijiet *"John Mary Sammut vs Michael Cassar"*, il-Qorti stqarret:

"Illi generalment il-kawza guridika tal-kambjala jkollha l-fundament u l-origini taghha minn obbligazzjoni kontrattwali li tkun pprecedieta jew saret simultanjament mal-kambjala – f'dan il-kaz jidher illi din l-obbligazzjoni originali tnisslet mill-bejgh ta' karozza mill-attur lill-konvenut. Izda, kif inhu risaput dik il-kawza guridika originali tassumi karattru iehor u indipendenti malli l-kambjala konsegwenzjali tigi ffirmata, u b'konsegwenza ta' dik il-firma titwieled kawza guridika gdida, li l-ligi tidentifika mal-firma li tkun saret fuq il-kambjala, f'dan il-kaz mal-firma tal-konvenut li accetta l-kambjali."

Illi ghalhekk hekk kif iz-zewg konvenuti ffirmaw il-kambjali mertu ta' din il-kawza, huma assumew id-dejn li kien hemm inkorporat fihom u dana indipendentement minn negozju tax-xiri tal-vettura li giet assenjata lill-konvenut permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni ffirmat bejn il-konvenuti, l-konjugi Ben Hajamor. (Dokument A, anness mar-risposta tal-konvenuta.)

Illi l-konvenuta tikkontendi illi hija ma ghandhiex thallas l-ammont mitlub mill-attur f'din l-istanza u dana peress illi fl-imsemmi kuntratt tas-separazzjoni fl-atti tan-Nutar John Debono tal-20 ta' Marzu 2001, u precisament fl-artikolu 3 ta' l-istess, li jinsab a fol.9 ta' l-atti processwali l-vettura Escort Mark III flimkien mad-dejn li kien ghad hemm pendenti fuq l-istess gie assenjat lill-konvenut Amor Ben Mohammed Hajamor.

Illi jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi in-negozju guridiku li wassal ghat-twelid tal-kambjali mertu tal-kawza, kien proprju x-xiri ta' din il-vettura. Illi jirrizulta car mill-kuntratt tas-separazzjoni illi d-dejn li kien ghad hemm pendenti fuq din il-vettura ukoll assumieh il-konvenut. Madankollu fatt iehor mhux ikkontestat u li johrog car mid-dokumenti esibiti, kif ukoll mix-xhieda tal-konvenuta stess, huwa illi l-kambjali gew iffirmati kemm minn Amor Ben Mohammed Hajamor kif ukoll minn Matilde Ben Hajamor.

Mix-xhieda jirrizulta inoltre, illi wara li gie iffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni, l-konvenuta qatt ma ghamlet l-ebda ftehim mal-attur proprio et. nomine li permezz tieghu hija giet mehlusa fil-konfront tieghu mill-hlas ta’ dawn il-kambjali, anzi meta l-attur offrielha biex tiffirma xi karti sabiex il-kambjali jduru fuq isem zewgha, hija rrifjutat taghmel dan ghaliex bezghet tiffirma peress illi stqarret li ma tafx taqra bil-konsegwenza allura li hija ma nhelsietx mill-obbligi minnha assunti fil-konfront ta’ l-attur proprio et. nomine.

Il-kuntratt iffirmat bejn il-konvenuti huwa *res inter alios acta* ghalihom u li l-attur proprio. et. nomine. ma kienx jifforma parti mill-istess. Kwindi huwa ma hu marbut bl-ebda mod mal-ftehim li sar bejn il-konvenuti. Il-kambjali ghadhom jezistu bhala kuntratt fihom infushom iffirmat miz-zewg konvenuti u kwindi r-responsabbilta’ ghal hlas ta’ l-istess ghadu jinkombi fuqhom it-tnejn.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal, filwaqt li jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur proprio et. nomine, s-somma ta’ elf mija u erbgha u hamsin lira Maltin u sittin centezmu (Lm1154.60), bl-imghaxijiet legali, u dana b’riserva favur il-konvenuta Matilde Ben Hajamor ghal kwalsiasi dritt spettanti lilha skond il-ligi fil-konfront tal-konvenut l-iehor Amor Ben Mohammed Hajamor.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------